# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 87**

**Rikors numru 557/2021/1 CFS**

**Markus Wurglitsch debitament rappreżentat mill-Avukat Dr Carlo Bisazza fil-kapaċita` tiegħu ta' mandatarju speċjali**

**v.**

**Interwetten Gaming Limited (C 35736)**

1. L-attur ippreżenta l-kawża odjerna kontra Interwetten Gaming Limited għar-rifużjoni tas-somma ta' €20,206.36 imħallsa minnu fir-rigward ta' *sports betting* li huma għamel *online* mas-soċjeta` konvenuta bejn it-8 ta' Diċembru 2014 u d-29 ta' Settembru 2020 u dan billi rriżultalu li s-soċjeta` konvenuta, għalkemm debitament irreġistrata ġewwa Malta biex toffri servizzi ta' *online gaming,* mhijiex ukoll irreġistrata biex toffri l-istess servizzi ġewwa l-Awstrija fejn hu residenti, u għalhekk skont hu s-

soċjeta` konvenuta ma kinitx awtorizzata toffri *“online games of chance”* ġewwa l-Awstrija.

2. F’dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> “1. Tiddikjara illi bhala konsegwenza ta’ nuqqas ta’ licenzja mahruga biex toffri servizzi ta’ gaming gewwa t-territorju tal-Awstrija s-socjeta intimata kienet qeghdha topera kontra r-regolamenti dettati mill-ligi Awstrijaka billi ghamlet transazzjonijiet illi ma kienitx awtorizzata li taghmel;
>
> 2. Tordna u tikkundanna lis-socjeta konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta’ ghoxrin elf, mitejn u sitt Euro u sitta u tletin centezmu (€20,206.36), rappresentanti pagamenti avvanzati u mhallsa lill-istess socjeta intimata, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.”

3. Is-soċjeta` konvenuta eċċepiet, *inter alia,* li l-attur ma jistax jippretendi li jirċievi rifużjoni tas-somma sempliċiment għaliex qiegħed jallega li hija kienet qed topera mingħajr liċenzja Awstrijaka u li l-liġi Awstrijaka ma tistax tiġi applikata mill-Qorti għaliex mhijiex konformi mal-artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għar-raġunijiet indikati minnha fir-risposta ġuramentata tagħha.

4. L-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Logħob ippreżentat rikors fl-atti tal-kawża fil-11 ta’ Jannar 2022 permezz ta’ liema talbet li tiġi awtorizzata tintervjeni f’din il-kawża *in statu et terminis*, u li titħalla tressaq Risposta Ġuramentata u dan wara li premettiet li bħala r-regolatur lokali tas-suq in kwistjoni għandha interess dirett, immedjat u ġuridiku f’dawn il-proċeduri

peress illi l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jista' jaffettwa s-suq Malti tal-*Gaming*, joħloq inċertezza lil kull operatur liċenzjat minnha u jikkawża ħsara rreparabbli għar-reputazzjoni ta' Malta bħala ġurisdizzjoni serja li fiha l-kumpaniji tal-*gaming* jistgħu joperaw.

5. L-avukati tal-partijiet ma joġġezzjonawx li l-Awtorita` titħalla tintervjeni.

6. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar 2022, u dan wara li kkonsidrat hekk:

> "Il-Qorti qieghda taghti digriet dwar ir-rikors tal-Awtorita' mressqa fil-11 ta' Jannar, 2022 sabiex hija tithalla tintervjeni f'din il-kawza in status et terminis u illi tipprezenta risposta mahlufa:-
>
> Il-Qorti tqis li l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Loghob ma tistax titlob li tigi mdahhla in status et terminis u fl-istess hin titlob ukoll li tipprezenta risposta mahlufa, ladarba fl-istadju prezenti ta' din il-kawza, iz-zmien ghall-prezentata tar-risposti guramentati huwa maghluq.
>
> Minbarra dan, il-Qorti tqis ukoll li l-kawza tal-llum hija dwar ir-relazzjoni civili bejn ir-rikorrent u l-kumpannija konvenuta, li fih l-Awtorita' ma tidhol imkien.
>
> Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tichad it-talba ghall-intervent."

7. L-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob, wara li ġiet debitament awtorizzata mill-Ewwel Qorti biex tappella mid-digriet imsemmi, ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet tat-18 ta' Jannar 2022 u minflok tilqa' t-talba tagħha u tawtorizzaha sabiex

tintervjeni fil-kawża u tressaq ir-risposta ġuramentata tagħha taħt kull dispożizzjoni li jidhrilha xieraq li timponi.

8. L-attur ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-28 ta' Ġunju 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita` appellanti.

9. Interwetten Gaming Limited ippreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fl-4 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell tal-Awtorita` appellanti għandu jiġi milqugħ.

**Ikkonsidrat;**

10. L-Awtorita` appellanti targumenta li l-kwistjoni li trid tiġi determinata bejn il-partijiet hija ferm aktar komplessa minn sempliċi kwistjoni ċivili jew kuntrattwali bejn il-partijiet peress li tikkonċerna l-legalita o meno tal-liġi Awstrijaka li tirregola s-suq tal-*Gaming* peress li tmur kontra l-liberta li tipprovdi servizzi fl-Unjoni Ewropea kif sanċit fl-Artikolu 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u taffettwa direttament is-suq tal-Gaming lokalment. Skont l-Awtorita` appellata l-eżitu ta' din il-kawża ser jaffettwa lil kull operatur liċenzjat minnha, li skont il-liġi hija hi responsabbli għalihom, u ser jaffettwa wkoll lilha direttament peress li l-eventwali sentenza tal-Qorti ser ikollha impatt dirett fuq is-saħħa, valur u

effikaċja tal-liċenzji maħruġa minnha. Issostni li minħabba l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjeta` konvenuta, huwa ferm probabbli li sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha l-Qorti ser ikollha tagħmel referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u tgħid li peress li hija dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex tilleġisla b'mod konformi ma' dak rikjest mill-artikolu 56 TFEU hija temmen li għandha kontribut siewi x'tagħti f'dawn il-proċeduri għall-ġid tas-settur illi hija tmexxi u għall-operaturi kollha liċenzjati minnha. Għalhekk skont l-Awtorita` appellanti huwa d-dmir u l-obbligu tagħha li tkun parti integrali mill-proċess u li tipparteċipa fl-eventwali referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ħaġa li tista' tagħmel biss jekk tkun tifforma parti minn dawn il-proċeduri. Tgħid li għalhekk huwa imperattiv li titħalla ssemma leħinha f'dawn il-proċeduri anke jekk mhux neċessarjament billi tressaq risposta ġuramentata.

11. L-attur iwieġeb li l-Awtorita` appellanti hija għal kollox estraneja f'dawn il-proċeduri u m'għandha l-ebda interess ġuridiku fl-istess. Jargumenta li l-Awtorita appellata qed toħodha bħala skontata li l-Qorti ser tippronunzja ruħha dwar jekk il-liġijiet Awstrijaċi humiex konformi mat-TFUE u mal-linji gwida u l-insenjament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Jgħid li għajr għal din l-argumentazzjoni ipotetika l-Awtorita` appellanti ma tagħti l-ebda ħjiel konkret dwar kif hi, bħala entita` regolatriċi, jista' jkollha interess aktar minn regolaturi ta' stati membri oħra

tal-Unjoni Ewropea u kif bl-intervent tagħha tista' tikkontribwixxi sabiex tinbidel il-liġi ġewwa pajjiż u ġurisdizzjoni oħra li skont hi toħloq monopolju. Jgħid li bl-istess argument għandu jkollhom interess jintervjenu r-regolaturi tal-pajjiż kollha tal-Unjoni Ewropea peress li l-liġi Awstrijaka in kwistjoni tolqot l-istati membri l-oħra kollha u għalhekk l-iskop tal-intervent imur ferm oltre l-interess lokali tagħha. Isostni li l-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta ma jindikax li l-Awtorita` appellanti jista' jkollha interess f'ġurisdizzjoni oħra kif huwa l-każ odjern għaliex il-poteri regolatorji tal-Awtorita` appellanti jiskattaw biss entro l-parametri u fl-interess tat-territorju Malti. Skont l-appellant l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ma jistax ikollu impatt dirett fuq l-Awtorita` appellanti u lanqas jista' jiġi argumentat li l-industrija tal-*gaming* lokali tista' tintlaqat b'impatt differenti minn dak ta' stati membri oħra tal-Unjoni Ewropea.

12. Is-soċjeta` konvenuta targumenta li l-azzjoni ntavolata mill-attur u l-eċċezzjonijiet mogħtija minnha primarjament jinvolvu regoli legali ta' natura komunitarja u għalhekk, a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, il-kawża odjerna tmur lil hinn mir-relazzjoni ċivili bejn il-partijiet. Targumenta li m'hemmx dubju li l-Awtorita` appellanti għandha interess f'din il-kawża u saħansitra anke d-dover li tintervjeni fiha sabiex tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet li ġew fdati f'idejha għall-finijiet tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta. Issostni li l-Awtorita` appellanti għandha dak li Mattirolo jsejjaħ *interventio ad adiuvandum,* fejn l-intervent tal-parti huwa rradikat

mhux f'xi dritt pretiż minnha iżda sabiex tipproteġi l-interessi leġittimi tagħha billi tingħaqad ma' parti li magħhom dawk l-interessi tagħha huma allinjati, liema tip ta' interventi huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza kontinentali u ta' spiss imsejjaħ bħala intervent adeżiv, u żżid li skont il-ġurisprudenza lokali l-interess ġuridiku tal-parti intervenjenti mhuwiex neċessarjament ugwali għall-interess ta' xi wieħed mill-partijiet. Tgħid li peress li din il-kawża, flimkien ma' kawżi oħra simili li qed jinstemgħu mill-Qrati Maltin, jista' jkollha impatt devastanti fuq is-suq tal-logħob tal-azzard għaliex l-Istat Awstrijak qiegħed jimmina l-valur tal-liċenzja maħruġa mill-Awtorita` appellanti, m'hemmx dubju li l-istess Awtorita` għandha l-interess rikjest biex tintervjeni f'din il-kawża minkejja li mhuwiex ugwali għal dak tal-partijiet kontendenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Dan huwa appell minn digriet tal-Ewwel Qorti permezz ta' liema ġiet miċħuda t-talba tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob li tintervjeni f'din il-kawża u tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha. Din il-kawża ġiet intavolata mill-attur kontra s-soċjeta` konvenuta għar-rifużjoni ta' flus mitlufa minnu li huwa kien iddepożita mas-soċjeta` konvenuta għall-finijiet ta' *online gambling.* L-attur huwa residenti l-Awstrija filwaqt li s-soċjeta` konvenuta hija kumpanija tal-logħob tal-azzard debitament reġistrata hawn Malta. Il-pretensjoni tal-attur hija msejsa fuq il-liġi u l-ġurisprudenza

Awstrijaka, li huwa jgħid jagħtuh id-dritt għar-rifużjoni tal-flus mitlufa minnu minħabba li s-soċjeta` konvenuta mhijiex reġistrata biex toffri servizzi ta' logħob tal-azzard fl-Awstrija. Min-naħa tagħha s-soċjeta` konvenuta ressqet eċċezzjonijiet li jirrigwardaw il-validita` ta' din il-pożizzjoni li ħadu l-awtoritajiet Awstrijaċi li skont hi tmur kontra l-liġi u l-ispirtu tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam il-liberta` ta' moviment ta' servizzi. L-Awtorita` appellanti min-naħa tagħha qed titlob li tiġi awtorizzata tintervjeni f'din il-kawża billi skont hi l-eżitu ta' din il-kawża jista' jkollu impatt serju fuq il-valur tal-liċenzji maħruġa minnha f'dan is-settur u fuq is-settur b'mod ġenerali u għaliex jekk issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija ma tkunx tista' tipparteċipa f'dik il-kawża jekk ma tkunx ġiet awtorizzata tintervjeni f'din.

14. Wara li rat l-argumenti magħmula mill-Awtorita` appellanti, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet it-talba tal-Awtorita` appellanti. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jagħti diskrezzjoni lill-Qorti jekk tagħżilx li tilqa' jew le talba għall-intervent f'kawża, u dan l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-Ewwel Qorti m'għandux jiġi ddisturbat faċilment mill-Qorti tal-Appell sakemm ma jkunx jirriżulta li jkun sar kontra l-liġi.[1]

[1] Ara f'dan ir-rigward : **David Chetcuti v. Richard Kandler** (Appell, 15/11/2006).

15. Il-Qorti tkompli billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et v. Il-Prim Ministru et** (Kost. 10/01/2005) fejn intqal hekk:

> "8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et minn naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech minn naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha t'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni in statu et termini – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk."

16. Il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li skont il-ġurisprudenza l-intervenut jista' jkollu l-interess meħtieġ biex jintervjeni f'kawża anke biex isostni dritt tiegħu proprju u mhux dak ta' xi waħda mill-partijiet tal-kawża, l-interess vantat mill-Awtorita` appellanti f'dan il-każ jibqa' xorta waħda karenti. Skont il-ġurisprudenza l-intervenut fil-kawża jista' jiġi ammess fil-kawża "... *sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure* ***i proprii diritti*** ***<u>in confronto sia dell' uno</u>***

***che dell' altro**, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata, la quale stabilire certi fatti o certi diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato o condannato*." [enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti].[2] F'dan il-każ huwa ċar li l-Awtorita` m'hijiex qed titlob li tintervjeni fil-kawża biex tittutela dritt li skont hi għandha fil-konfront tal-attur jew tas-soċjeta` konvenuta. L-interess tal-Awtorita` appellanti huwa biss fl-eżitu ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari eżitu pożittiv għall-attur, u kif dan jista' jkollu impatt fuq is-suq lokali relevanti, li mhuwiex dritt tutelabbli fil-konfront ta' waħda mill-partijiet f'din il-kawża u li kif rajna mhuwiex meqjus bħala suffiċjenti mill-ġurisprudenza sabiex jirradika l-interess meħtieġ f'persuna biex tiġi awtorizzata tintervjeni f'kawża bejn terzi. Huwa żbaljat ukoll l-argument tal-Awtorita` appellanti li għandha interess suffiċjenti biex tintervjeni f'din il-kawża għaliex l-intervent tagħha jkun meħtieġ biex tkun tista' tipparteċipa f'eventwali referenza lil Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jekk ikun il-każ. Mhuwiex permess li l-Awtorita` appellanti tiġi ammessa bħala intervenut f'din il-kawża sempliċiment biex tkun tista' tipproteġi l-interessi li tgħid li għandha f'kawża oħra, partikolarment meta lanqas biss hemm ċertezza li dik il-kawża fil-fatt ser issir.

17. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell tal-Awtorita` appellanti huwa nfondat u qed jiġi miċħud.

---

[2] Kollez. Vol. XVI P I p 117; Vol. XXX P I p 190.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-istess Awtorita`, u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr